



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13458/20
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0344(NLE)

UK 86

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 780 final
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") fid-data minn meta d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tat-Tieni Parti tal-Ftehim għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-Iżlanda, tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, tar-Renju tan-Norveġja u tal-Konfederazzjoni Żvizzera

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 780 final.

Mehmuż: COM(2020) 780 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.11.2020
COM(2020) 780 final

ANNEX

ANNEX

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (“il-Ftehim dwar il-Ħruġ”) fid-data minn meta d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tat-Tieni Parti tal-Ftehim għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-Iżlanda, tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, tar-Renju tan-Norveġja u tal-Konfederazzjoni Żvizzera

ANNESS

Id-Deċiżjoni Nru .../2020 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

ta' ...

li tistabbilixxi d-data minn meta d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tat-Tieni Parti tal-Ftehim għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-Iżlanda, tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, tar-Renju tan-Norveġja u tal-Konfederazzjoni Żvizzera

II-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹ ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 33(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tat-Tieni Parti tal-Ftehim dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, applikabbli għaċ-ċittadini tal-Unjoni, għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-Iżlanda, tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, tar-Renju tan-Norveġja, u tal-Konfederazzjoni Żvizzera dment li dawn l-istati jkunu kkonkludew u japplikaw ftehimiet korrispondenti, minn naħa waħda, mar-Renju Unit li japplikaw għaċ-ċittadini tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, mal-Unjoni li japplikaw għaċ-ċittadini tar-Renju Unit.
- (2) Skont l-Artikolu 33(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, man-notifika mir-Renju Unit u mill-Unjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn il-ftehimiet, il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi d-data minn meta d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tat-Tieni Parti tal-Ftehim għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-Iżlanda, tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, tar-Renju tan-Norveġja u tal-Konfederazzjoni Żvizzera, kif applikabbli.
- (3) L-Unjoni kkonkludiet ftehimiet korrispondenti mal-Iżlanda, mal-Prinċipat tal-Liechtenstein u mar-Renju tan-Norveġja² u mal-Konfederazzjoni Żvizzera³ li japplikaw għaċ-ċittadini tar-Renju Unit. Ir-Renju Unit ikkonkluda ftehimiet korrispondenti mal-Iżlanda, mal-Prinċipat tal-Liechtenstein u mar-Renju tan-Norveġja⁴ u mal-Konfederazzjoni Żvizzera⁵ li japplikaw għaċ-ċittadini tal-Unjoni.

¹ [ĠUL 29, 31.1.2020, p.7.](#)

² Id-Deċiżjoni Nru [...] ta' [...] tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li temenda l-Anness VI (Sigurtà Soċjali) għall-Ftehim taż-ŻEE.

³ Id-Deċiżjoni Nru.../... tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni ta' [...] li temenda l-Anness II ta' dak il-Ftehim dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali.

⁴ Il-Ftehim dwar l-arranġamenti bejn l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, il-Ftehim ŻEE u ftehimiet oħra applikabbli bejn ir-Renju Unit u l-Istati taż-ŻEE-EFTA bis-saħħa tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni Ewropea, iffirmit f'Londra fit-28 ta' Jannar 2020.

⁵ Il-Ftehim bejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u l-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni ffirmit f'Bern fil-25 ta' Frar 2019.

- (4) Fid-dawl tan-notifiki mir-Renju Unit u mill-Unjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet imsemmija fil-premessa (3), id-data minn meta d-dispożizzjonijiet tat- Titolu III tat-Tieni Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-Iżlanda, tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, tar-Renju tan-Norveġja u tal-Konfederazzjoni Żvizzera, jenħtieġ li tkun l-1 ta' Jannar 2021.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data minn meta d-dispożizzjonijiet tat- Titolu III tat-Tieni Parti tal-Ftehim tal-Ħruġ għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-Iżlanda, tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, tar-Renju tan-Norveġja u tal-Konfederazzjoni Żvizzera għandha tkun l-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Konġunt

Il-Kopresidenti